

**Brussell, 24 ta' Novembru 2023  
(OR. en)**

**15418/2/23  
REV 2**

**SOC 769  
EMPL 552  
ECOFIN 1179**

**NOTA**

---

minn:	Il-Kumitat tal-Impjegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar l-Investiment Soċjali - <i>Approvazzjoni</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-Opinjoni msemmija hawn fuq bil-ħsieb li tiġi approvata fis-sessjoni tal-Kunsill (EPSCO) tas-27 u t-28 ta' Novembru 2023.



# Il-Kumitat tal-Impjiegi Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

## Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valur miżjud tal-investiment soċjali u r-rwol tal-*filière* tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew

### Introduzzjoni

1. **Fl-14 ta' Lulju 2023, fil-laqgħa informali tagħhom, il-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali kellhom skambju ta' fehmiet dwar kif l-investiment soċjali jappoġġa ekonomiji reżiljenti u dwar ir-rwol tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE.** Diversi Ministri appoġġaw il-fehma li riformi u investimenti mfassla tajjeb ibbażati fuq approċċ ta' investiment soċjali, u b'mod partikolari dawk li jrawmu l-kapital uman, jistgħu wkoll irendu gwadanji fil-produttività u jrawmu tkabbir ekonomiku ogħla minbarra li javvanzaw l-oġettivi soċjali, filwaqt li appellaw għal aktar riflessjonijiet ibbażati fuq l-evidenza. Għaldaqstant, bħala segwitu għad-diskussjoni, il-ministri ta' Spanja u tal-Belġju - l-Istati Membri li għandhom il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bejn Lulju 2023 u Ġunju 2024 - stiednu lill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) biex iħejju Opinjoni dwar l-investiment soċjali u r-riformi relatati u r-rwol tal-*filière* tal-Kunsill EPSCO fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE.

2. **Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat orjentazzjonijiet għal riforma tal-governanza ekonomika tal-UE. Fl-14 ta' Marzu 2023, dawn ġew segwiti minn sett ta' konklużjonijiet adottati mill-Kunsill (ECOFIN) li identifkaw oqsma ta' konverġenza ta' fehmiet fost l-Istati Membri<sup>1</sup>.** F'dan l-isfond, fis-26 ta' April 2023 il-Kummissjoni ressqet il-proposti leġiżlattivi tagħha dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika. Skont dawn il-proposti tal-Kummissjoni, l-Istati Membri kollha għandhom jippreżentaw *pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju* li jkopru l-politika fiskali u r-riformi u l-impenji ta' investiment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li l-perjodu ta' aġġustament fiskali jista' jiġi estiż "*b'massimu ta' 3 snin jekk l-Istat Membru jirfed il-pjan fiskali strutturali tiegħu ta' terminu medju b'sett ta' riformi u investiment verifikabbli u marbuta maż-żmien li, meta jiġu kkunsidrati flimkien: isaħħu t-tkabbir, jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali, jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru skont is-Semestru Ewropew, u jindirizzaw il-prijoritajiet ta' investiment speċifiċi għall-pajjiż mingħajr ma jwasslu għal tnaqqis f'investiment pubbliku ieħor iffinanzjat fil-livell nazzjonali matul il-perjodu ta' aġġustament sabiex jiġi żgurat impatt makroekonomiku tal-investimenti u tiġi evitata l-esklużjoni ta' prijoritajiet oħrajn ta' investiment*". Fil-proposti tal-Kummissjoni, il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni huma identifikati bħala l-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, u l-Boxxla Strateġika dwar is-Sigurtà u d-Difiża.

---

<sup>1</sup> [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE](#), adottati mill-Kunsill ECOFIN fl-14 ta' Marzu 2023.

3. **Din l-Opinjoni hija parti mill-ħidma biex il-Ministri jiġu appoġġati fl-iżvilupp ta' approċċ ikkoordinat dwar l-investimenti soċjali u r-riformi relatati u r-rwol tal-*filière* tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew, mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposti leġislattivi ppreżentati mill-Kummissjoni fis-26 ta' April 2023<sup>2</sup>. Fid-dawl tal-Artikolu 148 TFUE u l-impenn politiku lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, analiżi f'waqtha tal-valur miżjud tal-politiki ta' investiment soċjali biex jitrawmu t-tkabbir sostenibbli u inklużiv u r-reżiljenza soċjoekonomika tista' tappoġġa l-*filière* tal-Kunsill EPSCO fit-tiħiħ tal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u dawk soċjali. Għaldaqstant, riflessjoni dwar il-governanza ġenerali tal-impjiegi u dik fis-Semestru Ewropew tista' tkun iġġustifikata wkoll, b'referenza partikolari għar-rwol tal-*filière* tal-Kunsill EPSCO.**

---

<sup>2</sup> Il-proposti leġislattivi bħalissa qed jiġu nnegozjati fil-*filière* ECOFIN tal-Kunsill u fil-Kumitati ECON u EMPL tal-Parlament Ewropew.

## Il-valur miżjud tal-politiki ta' investiment soċjali

4. **Il-ħidma preċedenti mwettqa mill-Kunsill – li tista' tintuża biex fuqha titkompla l-ħidma – iddefinixxiet l-approċċ ta' investiment soċjali b'ħala t-tfassil tas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-politiki soċjali biex jissaħħu l-kapaċitajiet attwali u futuri tal-individwi, b'enfasi fuq l-iffaċilitar tagħhom u l-iżvilupp tal-kapaċità tagħhom li jindirizzaw ir-riskji soċjoekonomiċi f'perspettiva tul il-ħajja<sup>3</sup>. B'mod partikolari, il-Pakkett ta' Investiment Soċjali mressaq mill-Kummissjoni fl-2013 kien issottolinja kif l-impjiegi, il-ħiliet u l-politiki soċjali jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-investiment kif ukoll dawk tal-protezzjoni u l-istabbilizzazzjoni, li jista' jkollhom funzjonijiet li jsaħħu lil xulxin. Fil-kuntest soċjoekonomiku attwali, ir-riformi nazzjonali u l-investimenti bbażati fuq l-approċċ ta' investiment soċjali, jekk jitfasslu b'mod adegwat, jistgħu jkunu mezzi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamati mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni fl-2017 biex jiġi stabbilit fl-oġġla livell l-impenn politiku għal mudell ta' tkabbir aktar inklużiv u sostenibbli fl-Unjoni, fejn il-progress ekonomiku u soċjali huma marbuta b'mod inseparabbli. F'Mejju 2021, id-Dikjarazzjoni ta' Porto, riaffermat l-għan li tiġi approfondita l-implimentazzjoni tal-Pilastru, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, inkluż fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali li qed jaċċelleraw. F'Ġunju 2021, il-Kunsill Ewropew laqa' l-miri ewlenin tal-UE tal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar imressqa mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru.**

---

<sup>3</sup> [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar \*Lejn investiment soċjali għat-tkabbir u l-koeżjoni\*](#), adottati mill-Kunsill EPSCO fl-20-21 ta' Ġunju 2013.

5. **Filwaqt li t-twettiq tal-progress soċjali u t-titjib tal-benesseri tan-nies huma intrinsikament siewja *per se* u l-kuntesti u l-ħtiġijiet nazzjonali jvarjaw, l-evidenza tissuġġerixxi li l-politiki ta' investiment soċjali - jekk imfassla tajjeb - jista' jkollhom impatt pożittiv sostanzjali fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġaw ukoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jipromwovu l-konverġenza soċjali 'l fuq.** Filwaqt li politika fiskali soda tipprovdi l-ispazju meħtieġ għal politiki ta' investiment soċjali, dawn tal-aħħar jistgħu jappoġġaw tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, u b'hekk jipproduċu effetti pożittivi fit-tul fuq il-proporzjonijiet tad-dejn, inkluż billi possibbilment itaffu l-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjoni. Din id-dinamika hija saħansitra aktar evidenti fuq terminu qasir matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku bħall-kriżi tal-COVID-19, meta miżuri ta' appoġġ adegwati (b'mod partikolari permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar) wasslu għal irkupru ekonomiku aktar rapidu milli mistenni bi tnaqqis aktar baxx fl-impjiegi u fl-introjtu meta mqabbel ma' kriżijiet preċedenti<sup>4</sup>. Min-naħa l-oħra, matul il-kriżijiet, il-politiki proċikliċi jistgħu jissarrfu fi tnaqqis baġitarju f'daqqa li jista' jaggrava l-faqar u l-inugwaljanzi soċjali, idgħajjef il-potenzjal għal titjib fil-produttività, u jillimita t-tkabbir ekonomiku sostenibbli futur.

---

<sup>4</sup> [Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi](#), adottat mill-Kunsill EPSCO fit-13 ta' Marzu 2023. Analiżijiet aktar dettaljati huma ppreżentati fl-edizzjonijiet tal-2023 u l-2022 tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.

6. **B'mod partikolari, id-diskussjonijiet reċenti fl-EMCO u l-KPS enfasizzaw li l-politiki bbażati fuq l-evidenza li jsaħħu l-ħiliet, iżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jipprevjenu l-esklużjoni għandhom potenzjal għoli li jappoġġaw tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu u aktar inklużiv u jgħollu l-livelli ta' produttività, u huma kruċjali biex jakkumpanjaw it-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika.** Tali politiki jistgħu jinkludu riformi u investimenti mmirati biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u l-ispariġġ fil-ħiliet (permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja), l-isfruttar tal-potenzjal ta' gruppi sottorappreżentati (b'mod partikolari permezz ta' politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol, sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji strutturati tajjeb, u politiki ta' inklużjoni attiva), u t-twessigħ tal-provvista ta' ħaddiema (permezz ta' servizzi tal-kura tat-tfal, tas-saħħa u tal-kura fit-tul ta' kwalità aċċessibbli u affordabbli). Barra minn hekk, ċerti politiki soċjali jistgħu jaqdu rwol kruċjali fl-istabbilizzazzjoni makroekonomika billi jimmitigaw b'mod sostanzjali r-riskji soċjali u jnaqqsu ż-żidiet possibbli fin-nefġiet soċjali futuri relatati man-nuqqas ta' azzjoni (b'mod partikolari permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, xbieki ta' sikurezza soċjali li jiffunzjonaw tajjeb b'hal skemi ta' benefiċċju tal-qgħad u ta' assistenza, u skemi ta' introjtu minimu adegwat).

7. **Madankollu, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal tal-politiki ta' investment soċjali u minkejja l-avvanzi metodoloġiċi reċenti, l-evalwazzjoni tar-redditi ekonomiċi u soċjali reali<sup>5</sup> tar-riformi u l-investimenti speċifiċi għall-pajjiżi tkompli toħloq sfidi li għandhom jiġu indirizzati aktar.** Tali diffikultajiet huma relatati mal-interazzjoni bejn il-karatteristiċi tat-tfassil tal-politika u elementi varjabbli oħra li jinfluwenzaw tali redditi, inkluż l-ispeċifitàjiet nazzjonali, kif ukoll l-impatt muri ta' spiss fuq terminu medju sa dak itwal. Ir-redditi fuq l-investment soċjali jiddependu fuq it-tipi ta' miżuri ta' politika inkwistjoni u t-tfassil tagħhom iżda wkoll fuq karatteristiċi kurrentwali (f'termini ta' ħin u post), kif ukoll interventi politiċi simultanji oħra, li għandhom jitqiesu. L-evalwazzjoni tar-redditi mikro u dawk makroekonomiċi tiddependi fuq diversi metodi analitiċi possibbilment użati fl-Istati Membri (bħal analiżijiet *ex ante* u *ex post*, evalwazzjonijiet tal-impatt kontrafattwali, u analiżijiet tal-kostijiet u l-benefiċċji), ukoll skont il-livelli differenti ta' kapaċità amministrattiva biex jitwettqu evalwazzjonijiet adegwati. Peress li l-effetti fit-tul jew il-fatturi ta' influwenza jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu osservati u jistgħu jwasslu għal konklużjonijiet impreċiżi jew mhux eżatti, huwa kruċjali li tinġabar data suffiċjenti u affidabbli u li jintużaw metodoloġiji robusti li jistgħu jaqdbu dawn l-elementi b'mod adegwat. F'dan il-kuntest, it-tiżni tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri jista' jiffaċilita fehim aktar komprensiv ta' kif jistgħu jiġu vvalutati aħjar ir-redditi ekonomiċi u soċjali għall-investimenti soċjali, fid-dawl tal-isfidi komuni tal-UE. It-tagħlim reċiproku fil-kuntest tal-attivitajiet tal-EMCO u tal-KPS jista' jkun partikolarment utli biex jiġu identifikati l-investimenti u r-riformi li jimmassimizzaw l-effetti pożittivi fuq it-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi, ir-riskji tal-faqar u l-inugwaljanza.

---

<sup>5</sup> Ir-redditi ekonomiċi jirreferu għal benefiċċji jew gwadanji finanzjarji fil-livell individwali, tad-ditta jew tas-suq (fil-livell mikro), kif ukoll għal bidliet fit-tkabbir ekonomiku ġenerali, fir-rati tal-inflazzjoni, jew fir-rati ta' impjeg ta' pajjiż (fil-livell makro). Ir-redditi soċjali jinkludu benefiċċji mhux finanzjarji li jiffukaw fuq il-benesseri, il-kwalità tal-ħajja, u t-titjib fis-soċjetà, inkluż titjib fis-saħħa u fl-eżiti tal-edukazzjoni ta' individwi jew ta' gruppi.

## Ir-rwol tal-*filière* tal-Kunsill EPSCO fis-Semestru Ewropew

8. **Filwaqt li s-Semestru Ewropew huwa mistenni li jibqa' l-qafas tal-UE għall-koordinazzjoni tal-politiki fiskali, ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali – filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi nazzjonali u b'mandat ċar għall-*filière* tal-Kunsill EPSCO skont l-Artikolu 148 TFUE – skont l-eżitu tiegħu, ir-Rieżami tal-Governanza Ekonomika jista' jkollu impatt fuq il-mod kif il-*filière* tal-EPSCO jappoġġa dan il-proċess.** L-ewwel nett, il-Kummissjoni tipproponi interazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-politika fiskali u r-riformi u l-investimenti fejn is-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-miżuri ta' politika soċjali – ikkoordinati u mmonitorjati mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew skont l-Artikolu 148 TFUE<sup>6</sup> – għandhom jitqiesu fit-tnejn tal-*pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju* u jiġu mmonitorjati permezz tar-*rapporti ta' progress annwali* li l-Istati Membri jissottomettu minn hemm 'il quddiem (b'hekk maħsuba biex jissostitwixxu l-*Programmi Nazzjonali ta' Riforma*, li bħalissa qed jintużaw bħala mezzi ta' rapportar tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji fil-Pilastru). It-tieni, il-Kummissjoni tipproponi li ċerti impenji ta' riforma u investment tal-Istati Membri mressqa fil-*pjanijiet fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju* tagħhom jistgħu jitqiesu eliġibbli biex jikkwalifikaw għal estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali, dment li jissodisfaw, meħuda flimkien, ċerti kriterji<sup>7</sup>.

---

<sup>6</sup> L-Artikolu 148 TFUE jkopri, b'mod partikolari, l-adozzjoni annwali tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi. Il-Kunsill EPSCO japprova wkoll l-aspetti tal-impjiegi u dawk soċjali tar-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro (f'Diċembru), il-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli (f'Marzu) u japprova Opinjoni Orizzontali annwali dwar is-Semestru Ewropew imħejjija mill-EMCO u l-KPS u li tinkludi s-sejbiet tal-attivitajiet multilaterali tagħhom ta' sorveljanza u rieżami (f'Ġunju).

<sup>7</sup> Kif spjegat fid-dettall fil-Paragrafu 2, ta' min jinnota li fil-proposti tal-Kummissjoni tas-26 ta' April, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jidher fost il-prijoritajiet komuni tal-UE.

9. **Il-*filière* tal-Kunsill EPSCO għandu jżomm ir-rwol tiegħu ta' koordinazzjoni u monitoraġġ dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-politiki soċjali, inkluż fir-rigward tal-kontenut rilevanti tad-dokumenti kollha fil-qafas tas-Semestru Ewropew, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati.** F'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà, in-natura multilaterali tas-Semestru Ewropew trid tiġi ppreservata bis-sħiħ u l-*filières* rilevanti tal-Kunsill għandhom ikomplu jiġu involuti.
10. **Skont il-*Messaġġi Ewlenin* dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) fis-Semestru Ewropew adottat mill-EMCO u l-KPS f'Mejju 2023<sup>8</sup>, filwaqt li jiġu rikonoxxuti gradi differenti ta' appoġġ fost l-Istati Membri rigward l-introduzzjoni tiegħu, SCF possibbli ġdid ikun konsistenti ma' approċċ integrat għas-sorveljanza tal-politika fis-Semestru u jikkontribwixxi għal koordinazzjoni politika aktar b'saħħitha u aktar effettiva.**
11. **Kooperazzjoni effettiva u riflessjonijiet konġunti dwar il-futur tas-Semestru Ewropew mal-*filière* tal-ECOFIN tal-Kunsill huma importanti.** Tali riflessjonijiet konġunti jistgħu jinkludu arranġamenti prattiċi biex jirregolaw iċ-ċiklu annwali tas-Semestru bejn iż-żewġ *filières*, l-iskeda ta' żmien annwali tiegħu, il-metodi ta' ħidma tal-kumitati konsultattivi, kif ukoll kif tista' tiġi żgurata interazzjoni effettiva bejn il-politika fiskali u r-riformi strutturali u l-investimenti mmirati biex jindirizzaw kwistjonijiet trasversali, inkluż biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-prinċipji fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jiġu promossi finanzi pubbliċi sodi.

---

<sup>8</sup> [Messaġġi Ewlenin dwar l-Introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew](#), diskussjoni mill-Kunsill EPSCO fit-12 ta' Ġunju 2023.

**Stedina mill-Presidenza Spanjola u dik Belġjana (Lulju 2023)**

*Għażiż Emiliano, għażiża Rute,*

*Għeżież membri tal-EMCO u tal-KPS,*

Il-Presidenza laqgħet tajjeb id-dibattitu produttiv dwar ir-rilevanza tal-investment soċjali għar-rieżami tal-Governanza Ekonomika tal-UE, li sar matul l-aħħar laqgħa informali tal-Kunsill EPSCO f'Madrid fl-14 ta' Lulju. Id-diskussjoni wriet l-interess kbir tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali li jsostnu l-importanza tal-investimenti soċjali u jiddeterminaw it-trattament tagħhom skont regoli fiskali possibbli ġodda tal-UE. Il-fehmiet li ħarġu huma ferm interessanti.

Abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-ewwel riflessjoni, il-Presidenza Spanjola - f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza Belġjana li jmiss - temmen li d-dibattitu m'għandux jieqaf iżda pjuttost ikompli. Għal dan l-għan, il-Presidenza Spanjola qed torganizza konferenza ta' livell għoli fil-15 u s-16 ta' Ottubru f'Aranjuez u konferenza oħra – fi sħubija mal-Presidenza Belġjana li jmiss – ma' akkademiċi esperti bejn l-aħħar ta' Ottubru u l-bidu ta' Novembru fi Brussell biex jiddiskutu: 1) ir-redditi mikro u makroekonomiċi tal-investment soċjali; u 2) metriċi eżistenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-risultati tal-investimenti soċjali.

Il-laqgħa tal-Kunsill EPSCO skedata fl-aħħar ta' Novembru 2023 ser tkun l-okkażjoni li jmiss biex jittieħed kont fil-Kunsill tal-progress miksub kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak politiku. L-objettiv ġenerali huwa li l-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistgħu jieħdu approċċ koordinat dwar ir-rwol tal-investment soċjali fil-governanza ekonomika riformata tal-UE. Il-punt aħħari ta' dan l-eżerċizzju ser ikun il-laqgħa konġunta tal-Kunsill EPSCO-ECOFIN li ser issir taħt il-Presidenza Belġjana.

Għal dan l-għan, fid-dawl tar-rendikont previst fil-Kunsill EPSCO ta' Novembru 2023, il-Presidenza Spanjola – bi qbil mal-Presidenza Belġjana li jmiss – tixtieq tistieden lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex jipproduċu Opinjoni dwar it-trattament tal-investiment soċjali u r-riformi relatati taħt il-Governanza Ekonomika rieżaminata u – abbażi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali – dwar ir-rwol tal-Kunsill EPSCO u l-Kumitati tiegħu fil-qafas fiskali l-ġdid. Il-Presidenza tistieden ukoll lill-Kumitati biex jirriflettu dwar il-potenzjal tal-investimenti soċjali fuq it-*tkabbir ekonomiku*, l-*istabbilizzazzjoni makroekonomika*, u l-*konverġenza soċjali* 'l fuq, meta jitqiesu l-*bidliet strutturali* li ġabet magħha t-*tranżizzjoni ekoloġika* u *diġitali*.

Bħala Presidenti tal-EMCO u l-KPS, intom tinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex tipproponu passi konkreti u metodi ta' *ħidma* għal tali *ħidma*, filwaqt li tqisu l-programmi ta' *ħidma* tal-Kumitati tagħkom u t-tagħlimiet meħuda minn diskussjonijiet preċedenti dwar dan is-suġġett. Il-Presidenza Spanjola, abbażi tal-eżitu rrapportat tal-Opinjoni, ser tfittex li tiċċara l-livell ta' appoġġ mill-Istati Membri fir-rigward tal-pożizzjoni tal-EPSCO dwar ir-Rieżami tal-Governanza Ekonomika li għaddej bħalissa.

Il-Presidenza Spanjola u l-Presidenza Belġjana li jmiss jibqgħu għad-dispożizzjoni tagħkom biex jikkooperaw.